MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Numru. 1217/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Jesmond Bondin, ta’ 50 sena bin il-mejjet Alfred u l-mejta Anna nee’ Borg, imwieled Pieta’ il-05 ta’ Lulju 1963 u joqghod 118, Xtumpik, Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara detentur tal-karta ta’l-identita numru 402963(M)**

**Nadette (Marie Bernardette) Caruana nee’ Bugeja ta’ 46 sena mart Paul Ruben Caruana bint Carmel Bugeja u Maria Concetta nee’ Mifsud, imwielda Sliema fit-18 ta’ April 1967 u toqghod 12, Triq il-Kbira, Siggiewi, detentur tal-karta ta’l-identita numru 186267(M)**

**Ruben (Paul Ruben) Caruana ta’ 48 sena bin il-mejjet Alfred u Mary nee’ Vella imwieled Attard fil-21 ta’**

**Mejju 1965 u joghod 12, Triq il-Kbira, Siggiewi, detentur tal-karta ta'l-identita numru 278065(M)**

**Geoffrey (Geoffrey Paul) Mifsud ta' 44 sena bini l-mejjet Peter Paul u Maria Angela nee' Mifsud imwieled Attard it-30 ta' Mejju 1969 u joqghod "Oasis", Flat 5, Triq Salvu Buhagiar Marsaskala, detentur tal-karta ta'l-identita' 220069(M)**

**Silvio Scerri ta' 46 sena bin Telesphoro u Gemma nee' Mizzi imwieled Sliema fis-16 ta' Awwissu 1967 u joqghod "Ta' Monita" Blk A Flat 5, Triq il-Papa Gwanni Pawlu II, Marsaskala, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 338767(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati akkuzati talli f'Ottubru 2010 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita taghhom bhala Diretturi tas-socjeta *Malta Fairs and Convention Centre Limited*, approprjaw rwiehom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga li jsir uzu minnha specifikat ma hallsux lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €146,163.80 ai termini ta'l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju 2011.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw illi ma kellhomx oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota ta’ sottomissonijiet ipprezentati mid-difiza.

Ikkunsidrat,

Illi dwar il-fattispecje ta’ dana l-kaz jidher car mill-atti processwali illi ma hemmx kontestazzjoni. Illi fil-kaz in dizamina, l-imputati fil-kapacita taghhom bhala diretturi tas-socjeta *Malta Fairs and Convention Centre Limited* qed jigu akkuzati bir-reat ta’l-approprazzjoni indebita. Illi l-Prosekuzzjoni kif diretta taghmel bil-kwerela maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1], qed tikkontendi illi l-imputati mill-fondi migbura ma hallsux dak dovut lill-Gvern bhala VAT, minflok approprjaw dawn il-fondi ghalihom biex b’hekk it-taxxa baqghet ma thallsitx, izda kif allegatament ghamlu dan, il-Prosekuzzjoni ma tindikax. Illi fil-fatt il-Qorti mill-ewwel tistqarr illi l-provi tal-Prosekuzzjoni huma skarni hafna, fejn xehed biss l-Ufficjal Prosekutur u ezebixxa l-istqarrijiet ta’l-imputati, u Paul Scilcuna, rappesentant tad-Dipartiment ghat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li  ezebixxa il-kwerela, erbatax-il denunzja maghmula mis-socjeta *Malta Fairs and Convention Centre Limited* u dettalji dwar l-istess socjeta. Ix-xhud jiddikjara illi is-socjeta kienet hallset l-ammont kollu dovut ta’ arretrati ta’ VAT u dana wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Jirrizulta izda mix-xhieda tieghu u mid-dokuemnti li gew esebieti illi kien sar *repayment programme* mas-socjeta fejn kienu qed jithallsu madwar €13000 fix-xahar, madanakollu ma jittella l-ebda ufficjal mid-Dipartiment li kien involut direttament fit-trattativi ma’l-imputati sabiex isir il-hlas dovut. Xehed finalment Rappresentant tal-MFSA li ezebixxa il-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpanija minn fejn jirrizulta illi l-imputati huma il-hames diretturi ta’ din is-socjeta. Kwindi minn dawn il-provi irrizulta biss illi il-kumpanija *Malta Fairs and Convention Centre Limited* kellha bilanc dovut ta’ VAT li ghal xi zmien baqa’ ma thallasx u li sussegwentment, izda

[1] Ara kwerela Dokument PS1 a fol.28

bil-mod il-mod gie saldat. Dawn il-fatti mhux kontestati. Illi abbazi ta' dawn il-provi izda, il-Prosekuzzjoni tippretendi illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat dwar misapproprazzjoni giet ampjament ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni minghajr ma tressaq l-icken prova dwar kif allegatement il-hames akkuzati fil-kwalita taghhom ta' diretturi ta' dina l-kumpanija approprjaw ruhhom indebitament minn dawn il-flejjes u minflok ma raddewhom lil Gvern dawwruhom bi profit ghalihom. Il-Prosekuzzjoni kien jentigielha tipprova aktar minn hekk u dana sabiex tissodisfa ir-rekwiziti legali li isawwru dana ir-reat. Kien jenhtigielha tipprova illi dina l-kumpanija b'xi mod uzat dawn il-flus bi profit ghaliha, izda din il-prova ma saritx. Il-Qorti tista' tieqaf hawn ghaliex mill-provi tal-Prosekuzzjoni, li ma kienx jenhtieg xi studju profond biex jigu analizzati, ma irrizulta xejn ghajr stat ta' fatt ta' nuqqas ta' hlas lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. X'sar allegatement min dawn il-flus ma johrog minn minkien minn dawn il-provi limitati.

Illi ir-retroxxena li wassal sabiex il-kumpanija naqqset milli thallas it-taxxa dovuta tohrog biss mill-provi migjuba mid-difiza, ghajr ghal dak li jistqarru l-imputati fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija[2]. Jirrizulta mill-provi tad-difiza illi fiz-zmien li twaqqfet dina il-kumpanija, l-azzjonista ewlieni kienet is-socjeta *Fairs and Exhibitions Limited* li kelha 75% *shareholding*. Din il-kumpanja u cioe' il-*Fairs and Exhibitions Limited* kienet maghmula minn diversi korpi kostitwiti fosthom the Malta Federation of Industry, the Chamber of Commerce and Enterprise, the General Retailers and Traders Union, the Malta Society of Arts, Manufacturers and Commerce, the Trade Fairs Exhibitors Association kif ukoll il-Gvern ta' Malta. Kien hemm kumpanija ohra bl-isem ta' *Sign It Limited* li kienet *minority shareholder* li diretturi ta'l-istess kienu l-imputati Caruana u Geoffrey Mifsud. F'dan iz-zmien ghalhekk l-imputati l-ohra kienu ghadhom ma jifformawx parti minn dina l-kumpanija. Illi mix-xhieda ta' Dr. Geoffrey Mifsud jirrizulta illi bejn l-2008 u l-2009 il-qaghda finanzjarja tas-socjeta marret lura hafna fejn anke kien ittiehed self ta'

[2] Ara Dokumenti MC1 sa MC9

madwar €2,000,000 minn ghand il-Bank of Valletta. Jidher illi kien hemm ammont konsiderevoli ta' debituri li ma kenux qed ihallsu l-ammonti dovuti lejn is-socjeta. Dana wassal ghal nuqqas ta' *cash flow* u il-kumpanija wasslet sabiex akkumulat dejn ta' madwar €2,500,000. L-imputat Mifsud ighid illi f'dak iz-zmien kien hemm diretturi li ma kenux qed jifhmu il-gravita ta' din is-sitwazzjoni tant illi is-socjeta minnu rappresentata li kienet *Sign It Limited* bhala *minor shareholder* kienet ressqet protest gudizzjarju il-Qorti biex tilmenta dwar din it-tmexxija hazina. Wara dan il-protest jidher illi qamet rewwixta bejn id-diretturi ta' dak iz-zmien fejn kemm ic-chiarman kif ukoll id-diretturi kollha ipprezentaw ir-rizenja taghhom.

L-imputat, ighid, madanakollu illi huwa beda jipprovaw jaghmel l-almu tieghu biex din is-socjeta ma tfalliex, u ma thalliex madwar hamsin impjegat minghajr l-impieg taghhom u dana flimkien mal-imputati Caruana, azzjonisti fis-socjeta *Sign It Limited*. Ghalhekk sar tentattiv biex jigu attirati investituri ohra u fil-fatt dahhlet fix-xena s-soceta *Nexos Holdings Limited* immexxija mill-imputati Silvio Scerri u Jesmond Bondin. Min hawn il-kumpanija giet ristrutturata u hawn id-diretturi il-godda bdew jiehdu hsieb jaraw kif ser jithallsu l-arretrati tal-VAT fost djun ohra u ghalhekk saru laqghat mad-Dipartiment sabiex jintlahaq dan il-ghan. Gie miftiehem *repayment programme* li beda jigi imwettaq mid-diretturi u cioe' mill-imputati. Sar *lump sum payment* u wara bdew jithallsu pagamenti ta' €13000 fix-xahar. Jidher izda illi hekk kif id-Dipartiment tal-VAT, minghajr pre-avviz ressqu il-kwerela taghhom lill-pulizija, l-imputat Jesmond Bondin refa' ir-responsabbilta ghal hlas tal-arretrati tal-VAT fuq spallejh u hallas personalment is-somma globali ta' €90000 biex fl-ahhar dana d-dejn gie saldat[3].

Ikkunsidrat,

Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293

---

[3] Ara xhieda ta' Geoffrey Mifsud, a fol. 123, Jesmond Bondin a fol.170, Ruben Caruana a fol.201 u Massimo Briffa a fol.214

jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu. Fi kwalunkwe kaz f'dana il-kaz il-prosekuzzjoni esebiet il-*letter to prosecute* mahruga mil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li isawwru dana ir-reat.

"***Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;</u>(***sottolinjar tal-Qorti***) (3) u minflok ma jaghmel hekk <u>idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor</u>*** (sottolinjar tal-Qorti)."

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li ikun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqslikieku huwa kien il-proprjetarju ta'l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

"***La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)***[4]

[4] Il-Pulizija vs Francis Camilleri deciza fil-25 ta' Gunju 2001 – Appelli Kriminali Inferjuri

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

"***Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miehu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.***"

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si***

***appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo***.*"*

Illi mill-esposizzjoni legali ta'l-elmenti mehtiega dwar ir-reat tal-misapproprazzjoni jirrizulta minghajr l-icken dubbju s-segwenti:

1. L-imputati ma ircevew ebda flus minghand ebda terz u dana b'xi obbligu li jroddu dawk il-flus jew dik x-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnha b'mod specifikat. Hawnhekk si tratta ta' taxxa li l-imputati qeghdin jigbru jew ghandhom jigbru minn ghand il-klijent ghas-servizz ipprovdut minnhom, liema taxxa tithallas lill-Gvern u dan

ai termini ta’ dak imfassal fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta li fl-artikolu 4 tieghu jiddisponi:

***“Bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta’ dan l-Att ghandha tintalab, tigi mposta u tinqabar f’isem il-Gvern*** (**sottlinjar tal-Qorti**) ***taxxa fuq il-valur mizjud –***

***(a) fuq kull provvista ta’ oggetti jew servizzi maghmula b’korrispettiv f’Malta fl-1 ta’ Jannar 1999 jew wara din id-data minn persuna taxxabbli waqt li tagixxi bhala tali hlief ghal provvista maghmula minn persuna registrata taht l-artikolu 11;***

***(b) fuq kull akkwist intra-Komunitarju maghmul b’korrispettiv fid-data ta’ l-adezjoni jew wara dik id-data f’Malta …”***

Illi ghaldaqstant bl-ebda sforz ta’l-imaginazzjoni ma jista’ wiehed jikkonkludi illi dana kien kaz ta’ xi flus jew oggett li gie fdat f’idejn l-imputati ghal uzu specifikat u li dawn ghamlu xi uzu divers minn dak li gie specifikat lilhom li jaghmlu.

2. Ghaldaqstant wisq inqas ma jista’ jirrizulta illi l-imputati dawwru b’ xi profitt ghalihom jew ghal haddiehor dawk il-flus fdati lilhom.

3. B’dana ghalhekk illi l-element tad-dolo rikjest huwa wkoll nieqes.

Anke jekk wiehed kellu ghal grazzja ta’l-argument iqies illi l-ewwel element legali jirrizulta f’dana il-kaz, l-Qorti qatt ma tista’ tasal ghal konkluzjoni illi l-imputati dawwru il-flus migbura minnhom b’xi profitt favur taghhom. Dana il-fatt, fl-ewwel lok, kif diga inghad lanqas ma jirrizulta mill-provi imressqa ‘il quddiem mill-Prosekuzzjoni**.** Ma tezisti l-ebda prova fl-atti la diretta u lanqas indizzjarja li b’xi mod tindika illi xi hadd mill-imputati ghamel xi qliegh mill-fatt illi it-taxxa dovuta lil VAT ma thallsitx fil-hin, ghax finalment dana il-hlas sar fl-intier tieghu. Fil-fatt mix-xhieda tad-diretturi jidher illi hafna mill-VAT dovuta kienet ghadha lanqas

ingabbret billi kienu bosta id-debituri li ma kenux hallsu l-ammont dovut minnhom lill-kumpanija.

Illi fuq mistqosija tal-Qorti dwar jekk kienx hemm xi flejjes li kellhom jithallsu lid-Dipartiment tal-VAT li xi hadd mill-imputati ghamel uzu minnhom mod iehor, l-imputat Mifsud iwiegeb:

"Is-sitwazzjoni tas-socjeta ta' dak iz-zmien kienet prattikament fallimentari, kienet vicin hafna, kien xahrejn qabel ma dahhlu id-diretturi l-godda, meta lanqas flus biex jithallsu l-impjegati ma kien hemm. …

… Is-sitwazzjoni tas-socjeta ta' dak iz-zmien kienet li jew taghlaq, tkecci il-haddiema kollha u ma jithallas hadd, jew inkella ssib lil xi hadd jew inkella jinstab shareholder gdid u jsir tentattiv biex jinzammu l-haddiema kollha, tinzamm miftuha s-socjeta u jithallas kulhadd. Ahna b'sagrificcju kbir iddecidejna li immorru ghat-tieni option mhux ghall-ewwel option, ghax l-ewwel option kienet tfisser li jbati kulhadd biha."

Jidher illi f'dana iz-zmien anke l-Gvern, li ukoll kien wiehed mill-azzjonisti ta' dina s-socjeta kien konxju ta' din is-sitwazzjoni prekarja tant illi l-imputati kellhom anke laqghat mal-allura Ministru tal-Finanzi Tonio Fenech biex jaraw kif ser isolvu dina is-sitwazzjoni. Kien biss il-ftehim li intlahaq mas-socjeta Nexos Investments li wassal sabiex il-kumpanija bdiet terga' tqum fuq saqajha.

Illi fil-fatt mill-minuti tal-15 ta' Jannar 2010[5] tal-Laqgha tal-Board of Directors jinghad illi l-accountant li kien qed jiehu hsieb il-kotba tal-kumpanija f'dana il-perijodu u cioe' Massimo Briffa li ukoll xehed f'dawn il-proceduri:

"Noted that for the first time the company was registering a small profit."

[5] A fol.102

Dana kollu ifisser ghalhekk illi la is-socjeta u wisq anqas id-diretturi iccitati f'din l-istanza ma kienu qed jaghmlu l-ebda qliegh tant illi anke Massimo Briffa fix-xhieda tieghu jikkonferma illi l-ebda wiehed mid-diretturi, u cioe' l-imputati, ma kien qed jircevi salarju. Mhux biss izda, l-imputat Jesmond Bondin sahansitra spicca hareg il-flus minn butu biex ihallas il-bilanc rimanenti tal-VAT sabiex b'hekk l-ammont li jifforma l-bazi ta' dina l-kawza illum jinsab kollha imhallas. Dana iwassal lill-Qorti ghal konkluzjoni wahda biss u cioe' illi ma sar l-ebda arrikkiment minn naha ta'l-imputati kemm b'mod personali kif ukoll bhala diretturi tas-socjeta iccitata fil-gudizzju, izda uhud minnhom sahansitra sofrew telf personali. Dana huwa ippruvat mhux biss minn dak li jixhdu it-tlett imputati Caruana, Mifsud u Bondin, kif ukoll il-financial controller taghhom Massimo Briffa, izda ukoll mid-dokumenti esebieti minnhom li jindikaw il-kontijiet tal-kumpanija u anke il-payrolls tal-impjegati taghha. Il-Qorti ma tista qatt tasal issib xi htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi, f'dana il-kaz fejn l-imputati sofrew telf personali. Ghalhekk lanqas l-element tad-dolo f'dana il-kaz ma jista' jinghad li gie ippruvat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------